**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Ottubru, 2001**

**Citazz. Nru. 3413/96 CFS**

**Bank of Valletta Limited u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2000 Bank Of Valletta p.l.c.**

**vs**

**T. I. E. Limited u Graham u Christine mizzewgin Taylor u u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Jannar 1999, Dr. Edwina Chetcuti u l-P.L. Nicholette Aquilina gew nominati kuraturi deputati ghall-konvenuti Graham u Christine mizzewgin**

**Taylor u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1999 Dr. Edwina Chetcuti u l-P.L. Madeline Firman gew nominati kuraturi deputati ghas-socjeta kummercjali T.I.E. Limited**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici ppremettiet illi hija tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' kummercjali T.I.E. Limited fis-somma ta' hmistax-il-elf, hames mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm15,523.35,0) bilanc dovut fil-"Loan Account" ta' T.I.E. Limited mal-Bank of Valletta Limited (Dok "A") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Peress illi bi skrittura privata datata 27 ta' Lulju 1995 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "B", il-konvenut Graham Taylor, iggarantixxa flimkien u "in sodium" mas-socjeta kummercjali id-debiti tal-istess socjeta' kummercjali T.I.E. Limited mal-Bank of Valletta Limited;

U, premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 31 ta' Ottubru 1996, li kopja taghhom giet esebita u

mmarkata Dok "C" u "D", rispettivament sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbet li ghar-ragunijiet imsemmija din il-Qorti

(1) Tikkundanna lis-socjeta' kummercjali T.I.E. Limited u lil Graham u Christine mizzewgin Taylor ihallsu flimkien u “in sodium" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il-elf hames mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u tlettin centezmu (Lm15,523.35,0) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' T.I.E. Limited mal-Bank of Valletta Ltd. (Dok "A") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 31 ta' Ottubru 1996 u tal-Mandati ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti ezibiti.

Rat id-digrieti tal-25 ta’ Jannar 1999, u tal-10 ta’ Novembru, 1999.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dr. Edwina Chetcuti u l-P.L. Nicholette Aquilina nomine li biha eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, u lista tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dr. Edwina Chetcuti u l-P.L. Madleine Firman nomine li biha eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, u lista tax-xhieda tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi xehed Joe Zammit  li semma li ghandu r-rapprezentanza tal-Bank of Valletta u ikkonferma li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-lum, l-ammont ghadu dovut u ma gie mhallas l-ebda ammont.

Rat illi Dr Chetcuti nformat lill-Qorti li kitbet lill-konvenuti u baqghet minghajr risposta.

**KONKLUZZJONI:**

Ikkunsidrat illi ghalhekk is-socjeta' attrici ppruvat id-debitu li ghanhom il-konvenuti favur l-istess socjeta'. Dan id-debitu ghadu jezisti sal-lum.

Semghet l-konsulenti legali tal-partijiet.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Tilqa' t-talba u tikkundanna lis-socjeta' kummercjali T.I.E. Limited u lil Graham u Christine mizzewgin Taylor ihallsu flimkien u “in sodium" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il-elf hames mija u tlieta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u tlettin centezmu (Lm15,523.35,0) salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 31 ta' Ottubru 1996 u tal-Mandati ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.